# It-Teatru F'San Ġiljan (III)

B'dedika li Luċjan Pullicino




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: F'dal-artiklu, it-tielet wieħed mis-sensiela ta' kitbiet dedikati 'l-memorja ta' Luċjan Pullicino, se inlaqqagħkom ma' xi xogħlijiet oriġinali mill-pinna tiegħu, fosthom id-dramm reliġjuż, *Il-Leġġenda ta' San Ġiljan* (1959). Dan kien sar fit-Teatru Melita bil-kumpanija tiegħu stess. Id-dramm l-ieħor tiegħu, *San Ġiljan* (1954), kien ittella' fl-istess teatru, saħansitra xxandar fuq ir-*Rediffusion*. U peress li kien Ġiljaniż minn Birkirkara ma setax jonqos li ma jtellax xogħol fuq il-ħajja qaddisa ta' Santa Liena permezz tad-dramm kolossali f'sitt atti, *It-trijonf ta' Costantinu jew il-Qawwa tas-Salib* (1958). Tiegħu għandna wkoll id-dramm oriġinali, *Raġġi fil-Messiku* (1954) minħabba li għal snin twal kien involut fil-ġbir tal-flus għall-Missjoni. Luċjan kien jidderieġi xogħlijiet t'awturi oħrajn, fosthom ta' Dun Anton Xiberras (1921-2006) u Lino Grech (1930-2013). Fl-istess artiklu ssibu xi tagħrif addizzjonali dwar il-kumpanija *Bonitas* ta' Dun Karm Calleja li dwarha ġa tkellimna fl-annwal tal-Knisja ta' Lapsi tas-sena li għaddiet (pp. 162-176).

Kliem muftieħ: San Ġiljan, Teatru, Teatrin, Melita Open Air Theatre, St. Julian's Dramatic Company, Kumpanija Filodrammatika 'San Ġiljan', Kumpanija San Ġiljan, Bonitas Company (San Ġiljan), Luċjan Pullicino (attur), Josephine Mahoney (attriċi), Arkivju tal-knisja antika ta' San Ġiljan Ospidalier 'Ta' Lapsi' (San Ġiljan), Soċjetà Mużikali 'Madonna tal-Karmnu' (Balluta), Soċjetà Mużikali 'Spinola' (San Ġiljan), Każin Banda 'San Ġiljan' (San Ġiljan)

***Il-Leġġenda ta' San Ġiljan***: Dad-dramm oriġinali kien ittella' mill-kumpanija ta' Luċjan fl-1959 fil-*Melita Open Air Theatre* fi Triq il-Karmnu, San Ġiljan. Fir-ritratt tal-ġenb jidhru Tony u oħtu Rose Perry lebsin ta' żewġt anġli. F'nosfhom tidher ukoll Carmen, bint Luċjan, u li tiġi kuġina prima magħhom. Fl-istess xena jidher wieħed mill-morda b'dahru lejn l-udjenza. Ta' min jgħid li, il-biċċa l-kbira tal-membri, kbar u żgħar tal-kumpanija ta' Luċjan kienu Ġiljaniżi. Silta minn dad-dramm reliġjuż kienet dehret ukoll fir-rivista *Il-Mixja*[1]. Imma Luċjan mhux dad-dramm biss kiteb u/jew idderieġa. Mill-istess ktieb ta' Josephine Mahoney[2] u minn xi rivisti tad-*Djarju Tan-Naxxar* ta' Dun Anton Xiberras nistgħu nisiltu lista mdaqqsa ta' xogħlijiet li ħarġu mill-pinna ta' Pullicino, jew li fihom ħa sehem bħala attur, jew ħadet sehem il-kumpanija tiegħu, is-*St. Julian's Dramatic Company*:



Il-Leġġenda ta' San Ġiljan (1959), dramm oriġinali ta' Luċjan Pullicino imtella' mis-St. Julian's Dramatic Company fil-Melita Open Air Theatre

---

[1] Sena 2000, Vol. 24 Nru 284, p. 15. Dir-rivista kienet toħroġ darba kull xagħrejn mill-uffiċċju parrokkjali ta' San Ġiljan.

[2] Tajjeb ngħidu hawnhekk li, f'p. 334 tal-*Indiċi ta' persunaġġi msemmijin*, Mahoney, bħala attriċi professjonali magħrufa, tirrikonoxxi lil Luċjan Pullicino bħala attur u kittieb.

<table>
<tr><th>Sena</th><th>Titlu</th><th>Ġeneru</th><th>Awtur</th><th>Kumpanija</th><th>Teatru</th><th>Post</th></tr>
<tr><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>1950</td><td>Il-Messaġġ tal-Lum[3]</td><td>Radjudramm</td><td rowspan="6">Dun Anton Xiberras</td><td rowspan="12">S.J.D.C.[4]</td><td rowspan="4">Rediffusion</td><td></td></tr>
<tr><td>1951</td><td>It-Triq tat-Tama[5]</td><td>Radjudramm</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Dramm tal-passjoni</td><td>Radjudramm</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Ittama F'Alla</td><td>Radjudramm</td><td></td></tr>
<tr><td></td><td>Ilma li Jfejjaq</td><td>Dramm</td><td>Melita</td><td></td></tr>
<tr><td>1952</td><td>Sehem Ċkejken[6]</td><td>Radjudramm</td><td>Rediffusion</td><td></td></tr>
<tr><td>1954</td><td>Is-Sigriet tal-Qrar</td><td>Dramm</td><td>Lino Grech</td><td>Konti Ruġġieru[7]</td><td>Imsida</td></tr>
<tr><td></td><td>Raġġi fil-Messiku</td><td>Dramm</td><td rowspan="5">Luċjan Pullicino</td><td>Veritas Hall[8]</td><td>Sliema</td></tr>
<tr><td></td><td>San Ġiljan</td><td>Dramm</td><td>Melita[9]</td><td>San Ġiljan</td></tr>
<tr><td></td><td>Fidi Sħiħa</td><td>Buzzett</td><td>Veritas Hall</td><td>Sliema</td></tr>
<tr><td></td><td>Sinjur għal Nofs Siegħa</td><td>Farsa</td><td>Veritas Hall[10]</td><td>Sliema</td></tr>
<tr><td></td><td>San Ġiljan</td><td>Radjudramm</td><td>Rediffusion</td><td></td></tr>
<tr><td>1958</td><td>It-Trijonf ta' Costantinu</td><td>Dramm</td><td>?</td><td>Metropole</td><td>B'Kara</td></tr>
<tr><td>1959</td><td>Il-Leġġenda ta' San Ġiljan</td><td>Dramm</td><td>Luċjan Pullicino</td><td>S.J.D.C.[11]</td><td>Melita</td><td>San Ġiljan</td></tr>
</table>




L-atturi kollha li kienu jiffurmaw parti mill-Kumpanija Filodrammatika 'San Ġiljan' (APS)

Jidher li, mis-sittinjiet tas-seklu l-ieħor 'il quddiem, l-attriċi Josephine Mahoney ma baqgħetx tiġi mistiedna biex tieħu sehem f'xogħlijiet fil-*Melita Open Air Theatre*, San Ġiljan. Mil-lista joħroġ ukoll, li Luċjan, kemm bħala attur u kittieb, kif ukoll bħala direttur tal-*Kumpanija San Ġiljan*, kien attiv l-aktar fis-snin ħamsinijiet tas-seklu l-ieħor, b'uħud mir-rappreżentazzjonijiet isiru saħansitra f'teatri barra minn San Ġiljan. Fost dawn hemm id-dramm kolossali f'sitt atti, *It-trijonf ta' Costantinu jew il-qawwa tas-Salib* li dwaru se nitkellmu aktar 'il quddiem.

Fil-kamra ta' ġewwa tal-arkivju tal-knisja ta' Lapsi nsibu kwadru kbir imdendel mal-ħajt bl-ismijiet kollha tas-16-il membru li kienu jiffurmaw il-*Kumpanija Filodrammatika 'San Ġiljan'*. Ħdejn kull isem insibu ritratt id-daqs ta' passaport ta' lewn sepja meħud għand ir-*Regent Studio Photographers*. Bħala direttur, ir-ritratt ta' Luċjan tpoġġa fin-nofs tal-kwadru u hu mdawwar bis-soltu ċerv u faxxi bojod u ħomor tal-istemma Ġiljaniża. Il-kwadru ġie mmuntat minn V. Grixti & Sons ta' 29, Triq Prince of Wales, Sliema. Il-kwadru hu ffirmat minn Luċjan stess u jġib id-data tal-5 t'April, 1957. Fit-tabella t'hawn taħt issibu lista alfabetika tal-atturi u l-attriċi li jidhru f'dal-inkwatru. Fejn kien possibli wkoll, tajt l-isem sħiħ tagħhom peress li dawn huma mniżżlin bl-inizjali biss:

---

[3] Inħadem fil-festa tas-Santa Infanzja.
[4] St. Julian's Dramatic Company.
[5] Inħadem għall-okkażjoni tal-Ġurnata Missjunarja.
[6] Inħadem għall-okkażjoni ta' Jum il-Morda għall-Missjoni.
[7] Dan kien f'bitħa kbira ta' dar kważi quddiem l-Għajn tal-Ħasselin li fiha kien joqgħod ċertu Misidjan, Salvu ta' Mananni flimkien ma' ħuh Natu. Dan Salvu kien raġel mibni sew u b'wiċċ sabiħ, u kien attur popolari ħafna fi żmienu fil-50ijiet tas-seklu li għadda, l-aktar meta kien jaħdem f'xi parti ta' mara. Hu kien fetaħ dat-teatru fil-bitħa tad-dar tiegħu, li fiha aktarx kien hemm xi ġnien, u fis-sajf ħafna kumpaniji kienu jmorru jaħdmu f'dal-lokal. Illum, flok did-dar ittella' blokk t'appartamenti.
[8] Minflokha nbniet id-*Deporres Hall* immexxija minn Fr. Harry Born OP. Jidher li, l-ewwel xogħol li fih ħadet sehem Josephine Mahoney fid-Deporres Hall kien *It-Tespjani* fl-1960.
[9] Dat-teatru kien propjetà ta' Karm Pace Bonello u kien jinsab fi Triq il-Karmnu, San Ġiljan.
[10] L-istess dramm ittella' wkoll fit-Teatru Konti Ruġġieru, l-Imsida.
[11] Imniżżla bħala 'Kumpanija San Ġiljan'.

| KUMPANIJA FILODRAMMATIKA 'SAN ĠILJAN' | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kunjom | Isem | | | Kunjom | Isem | |
| | | | | | | | |
| 01 | D'Amato | E. | Attur | 09 | Pullicino | Carmen[12] | Attriċi |
| 02 | Magro | J. | Attur | 10 | Pullicino | Giuseppi | Attur |
| 03 | Micallef | C. | Attur | 11 | Pullicino | Luciano | Direttur |
| 04 | Micallef | W. | Attur | 12 | Ripard | Mary[13] | Attriċi |
| 05 | Perry | Anthony | Attur | 13 | Sammut | P. | Attur |
| 06 | Perry | Rose-Marie | Attriċi | 14 | Schembri | A. | Attur |
| 07 | Perry | Vincent | Attur | 15 | Zahra | C. | Attur |
| 08 | Pisani | V. | Attriċi | 16 | Zarb | M. | Attriċi |

Għal xi żmien, jidher li Luċjan kellu wkoll it-treġija tal-kumpanija teatrali *Melita* fi ħdan l-Azzjoni Kattolika. Mhux ċar meta dil-kumpanija twaqqfet, jew jekk kienx l-isem biss li nbidlilha. Imma skont intervista li kont għamiltlu, joħroġ ċar li din kien fiha truppa kbira ta' madwar ħamsin ruħ. Meta kienet fl-aqwa tagħha, Luċjan kien idur Malta kollha biha; Johnnie Navarro, Charles Abela Mizzi, Scalpello, u Grupetta huma fost l-atturi magħrufin li jsemmi.

***It-Trijonf ta' Costantinu jew il-Qawwa tas-Salib***: Dad-dramm kolossali f'sitt atti sar fit-Teatru Metropole[14] f'B'Kara t-Tlieta, 18 ta' Marzu 1958 fis-6:30 p.m. mill-*Kumpannija Filodrammatika San Ġiljan* taħt id-direzzjoni ta' Luċjan. Mill-manifest li kien ħareġ għall-okkażjoni mhux magħruf jekk dad-dramm kienx pinna oriġinali tiegħu jew ta' xi awtur ieħor. Fih intużaw kostumi rumani tal-epoka 312 w.K. Interessanti wieħed jinnota, li wara dad-dramm kellu jkun hemm *divertiment extra* pprovdut mid-*duo* magħmul mit-Tenur John (Johnnie) Vassallo u l-pjanista Lino Samut (fil-programm kunjomu miktub bid-doppja 'emme'). Id-dramm kolossali, *It-Trijonf ta' Costantinu jew il-Qawwa tas-Salib,* direzzjoni ta' Luċjan Pullicino hu maqsum f'sitt partijiet, jew aħjar, atti, kif ġej:

| Att | Isem |
|---|---|
| | |
| 1 | Il-Ħruxija tar-Rumani fuq l-Għarajjes ta' Ġesù Kristu |
| 2 | Id-Dehra tas-Salib Imqaddes lil Kostantinu f'*Ponte Molle* |
| 3 | It-Taqbida Qalila |
| 4 | Ir-Rebħa tas-Salib Imqaddes – It-Trijonf ta' Kostantinu |
| 5 | Il-Magħmudija |
| 6 | Il-Libertà tal-Knisja – Kristu Jsaltan |



Santa Liena ssib is-Salib Imqaddes (Storja Sagra Vol. IV, p. 156 ta' Annibale Preca [1948])

Profil: Sant'Elena twieldet c.250 w.K. fl-Asja Minuri. Waqt li l-Imperatur Kostanzu Kloru kien qed jikkumbatti fil-Brittanja (Ingilterra), issaħħar wara ġmielha u ħadha miegħu Ruma fejn iżżewġu u kellhom tifel, Kostantinu (c.280–337 w.K).[15] Aktar tard, binha wkoll laħaq Imperatur tal-Imperu Ruman fil-Punent fis-sena 312 w.K., u kien hu stess li pproklama 'l-ommu Imperatriċi.

L-istorja: (1) Il-Knisja ta' Ġesù Kristu damet maħqura għal tliet sekli sħaħ (sas-sena 311 w.K.) fi żmien il-

[12] Bint Luċjan Pullicino u Giovanna Sammut. Hi twieldet fl-1947.
[13] Attriċi stabbilita u filantropa.
[14] Teatru li nbidel f'sala taċ-ċinema. Kellu gallerija waħda u kien jesa' mal-1600 ruħ. Aktarx li nbena fis-snin tletin tas-seklu l-ieħor. Illum jintuża bħala maħżen għall-affarijiet tal-*plumbing* u l-elettriku.
[15] Aktar tard kien abbandunaha minħabba l-amibizzjonijiet politiċi tiegħu.

ħakma tal-Imperu Ruman. Ħafna kienu l-'għarajjes' li mietu martri taħt il-qilla ta' diversi Imperaturi ħżiena, fosthom Neruni, Trajana, Deċju, Antoninu, u Massenzju. Dan tal-aħħar ħadha ma' Kostantinu għax ried isaltan waħdu flimkien ma' sieħbu Liċinju. Dan wassal għal gwerra qalila bejniethom.

(2) Ġara iżda, li kif kien ser jingħata bidu għall-battalja, Kostantinu jilmaħ Salib aħmar, kollu dija fis-sema f'*Ponte Molle* (jew *Milvio*) fuq ix-xmara Tiber, f'Ruma. Mas-Salib kien hemm ukoll kitba li tgħid: 'B'dan tirbaħ', akkumpanjata minn leħen jgħidlu dawn l-istess kelmiet. Kostantinu fehem mill-ewwel x'ried jgħidlu Alla – li jikkoverti għall-fidi nisranija u jieqaf jippersegwita 'l-Insara.

(3 u 4) It-taqbida saret xorta waħda, u permezz tal-qawwa tas-Salib, l-armata ta' Kostantinu ħarbtet għalkollox lil dik ta' Massenzju. Ir-rebħa ma setgħetx tkun isbaħ u ikbar: Kostantinu sar Imperatur tal-Imperu Ruman kollu fl-324 w.K. u waqqaf il-belt ta' Kostantinopli fuq is-sit ta' Bisanzju, dik li qabel kienet il-belt kapitali tal-Imperu Ruman.

(5) Imma l-isbaħ rebħa kienet dik li rebaħ lilu nniffsu għax emmen bil-veru Alla, stqarr 'il Ġesù Kristu veru Alla u veru bniedem, u għadaqstant, ta ġieħ lis-Salib Imqaddes. Kien il-Papa S. Silvestru I li għammed lil Kostantinu, biex b'hekk sar l-ewwel Imperatur nisrani. Kostantinu miet fit-22 ta' Mejju 337 w.K. u jinsab midfun fil-knisja tal-Appostli, f'Kostantinopli.



Xena mid-dramm kolossali f'sitt atti 'It-Trijonf ta' Costantinu jew il-Qawwa tas-Salib'. Mix-xellug għal-lemin: Ġorġ tal-pitrolju, Tony Perry, Luċjan Pullicino, Attilio Virtù, u Mary Ripard

(6) Permezz tal-editt ta' Milan, Kostantinu l-Kbir ta l-libertà 'l-Knisja fis-sena 313 w.K. Bena saħansitra xi knejjes u ħallielhom renti kbar u għeniehom bil-fided u d-deheb. Dan kollu wassal biex anki ommu Elena, li sa dak iż-żmien kienet għadha pagana, tikkonverti għall-fidi nisranija u tieħu l-magħmudija. Baqgħet figura reliġjuża importanti għas-17-il sena li ġew wara u mudell mill-aqwa għall-Insara kollha. Bniet knejjes f'Ruma, f'Kostantinopli, f'Betlem u fuq l-Għolja taż-Żebbuġ. Kellha sehem importanti fis-sejbien tal-Veru Salib ta' Kristu. (Dwar ir-ritratt tal-ġenb nixtieq inżid ngħid, li skont Carmen Taylor, il-bint il-waħdanija ta' Luċjan, missierha kien jgħin ħafna fil-bini tas-settijiet u ż-żebgħa tagħhom.)



TEATRU METROPOLE
B'KARA
Nhar it-TLIETA 18 ta' MARZU 1958
fis-6.30 p.m.
Il-Kumpannija Filodrammatika
SAN GILJAN
Taħt it-Tmexxija ta' LUCJANU PULLICINO
SEJRA TIPPREŻENTA
IT-TRIJONF TA' COSTANTINU
JEW
IL-QAWWA TAS-SALIB
Dramm Kolossali b'6 Atti miktub minn
LUCJANU PULLICINO
KOSTUMI ROMANI — EPOKA 312
Wara jkun hemm
VARJETA KBIRA

1 PARTI
IL-HRUXIJA TAR-RUMANI FUQ
L-GHARAJJES TA' GESU' KRISTU
2 PARTI
ID-DEHRA TAS-SALIB IMQADDES LIL
COSTANTINU F'PONTE MOLLE
3 PARTI
IT-TAQBIDA QALILA
4 PARTI
IR-REBHA TAS-SALIB IMQADDES
IT-TRIJONF TA' COSTANTINU
5 PARTI
IL-MAGHMUDIJA
6 PARTI
IL-LIBERTA' TAL-KNISJA
KRISTU JSALTAN

DAWK LI JIEĦDU SEHEM

| | | |
|---|---|---|
| Costantinu, | *Imperatur bin Sant'Elena* | Paul Attard |
| Fausta, | *Il-Mara ta' Costantinu* | Doris Micallef |
| Costante, | *Ibnu Costantinu* | Vincent Perry |
| Elena, | *Bint Costantinu* | Carmen Pullicino |
| Siana, | *Governati ta' Costantinu* | Rose-Marie Perry |
| Guljanu, | *L-Apostata Ħu Costantinu* | Gius. Pullicino |
| Massenzju | *Imperatur Qalil* | Luciano Pullicino |
| Licinju | *General* | Attilio Virtu' |
| Silvestru | *Papa* | Franky Bonnici |
| Agnese | *Xebba Nisranija* | Francina Micallef |
| Gulju | *Guvni Nisrani* | Charles Tanti |
| Metulius | *Kap ta' L-Arcieri* | Lawrence Micallef |
| Markus | *Fizzjal ta' Costantinu* | Anthony Perry |
| Aronne | *Suldat ta' Costantinu* | Giovanni Manicolo |
| Asterju, | *Fizzjal ta' Licinju* | Carmen Gialanzi |
| Sisto | *Suldat ta' Costantinu* | Romeo Galea |
| Valerjanu, | „ „ „ „ „ „ „ „ | Francis Sammut |
| Fajus, | *Tfajjel* | Joseph Galea |
| Filodemus, | *Qaddej ta' l'Imp. HELENA* | Ant. Borg |
| | *U Suldati Oħra* | |

JIEHU SEHEM IT-TENUR JOHN VASSALLO
PJANISTA LINO SAMMUT

Interessanti ngħidu, li fil-ktieb autobijografiku tagħha, Josephine Mahoney telenka lista ta' xogħlijiet li fihom hi, bħala attriċi, kienet ħadmet fil-50ijiet tas-seklu l-ieħor. Fost dax-xogħlijiet fuq il-palk hi

ssemmi dawk li nkitbu minn Luċjan Pullicino bħala kittieb, jonkella fejn ħadmet mas-*St. Julian's Dramatic Company* li kienet ġiet imwaqqfa minn Luċjan Pullicino. Jista' jkun, li kemm Josephine, u kemm Luċjan ġieli ħadmu flimkien bħala atturi, imma dan ma nistgħux ngħidu f'liema drammi. Nistħajjel li Luċjan kien aktar jagħmilha ta' direttur milli attur meta xi xogħol kien jittella' mill-kumpanijia Ġiljaniża, għalkemm mhux l-ewwel darba li rreċta wkoll, bħal fil-każ tad-dramm kolossali, *It-trijonf ta' Costantinu*, fejn ħa sehem fil-parti tal-Imperatur qalil, Massenzju. Jidher ukoll, li mis-60ijiet 'il quddiem, Josephine ma baqgħetx tiġi mistiedna tieħu sehem f'xogħlijiet teatrali fil-*Melita Open Air Theatre*, San Ġiljan.

***Luċjan bħala attur b'missjoni***: L-ewwel wirja missjunarja li qatt saret f'San Ġiljan hi reġistrata fil-bullettin parrokkjali *Xaqq Dawl* ta' Novembru 1951, it-III Sena, Għadd 31. Din kienet ittellgħet fiċ-Ċirkolu 'Qalb Safja ta' Marija' bit-tħabrik ta' Dun Anton Sciberras[16] nhar is-Sibt 20 u l-Ħadd 21 t'Ottubru tal-imsemmija sena. Il-wirja kienet organizzata mill-A.K. ta' San Ġiljan u għaliha attendew ħafna nies, fosthom il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Filippu Grech, li kien hu wkoll li kiteb l-Innu Missjunarju, u li dwaru s'issa għad m'għandna l-ebda tagħrif f'dawk li huma versi u mużika.



Luċjan liebes ta' missjunarju f'waħda mill-għarajjex li kien waqqaf ħdejn il-*Majestic*, Tas-Sliema

Ir-ritratt li jidher fil-ġenb kien ittieħed ħdejn il-*Majestic* ta' Pjazza Sant'Anna, Tas-Sliema[17] għall-okkażjoni ta' Jum il-Missjoni li kienet saret fl-24 ta' Ottubru 1954.[18] Il-flus li jinġabru minn dil-attività kienu jmorru kollha għall-Missjoni. Fir-ritratt jidhru, mix-xellug għal-lemin, Carmen, liebsa ta' Indjana, u b'idejha wara dahra, tfajjel b'kappell tar-rix bħal tal-Indjani f'rasu, u Luċjan jagħmilha ta' missjunarju bid-daqna falza u nuċċali tal-viżta, bl-għarix eżatt warajh.



Waħda mill-ħafna kartolini li kienu joħorġu b'riżq l-Opri Missjunarji Pontifiċji maħruġa mill-Uffiċċju Missjunarju

Meta Luċjan kien jiġi biex jorganizza dil-attività, l-ewwel kien imur għand ċertu Salvu fi Strada Lapsi biex jisilfu l-affarijiet ħalli jkun jista' jibni u jorbot l-għarix ma' waħda mit-tliet siġriet, u jqatta' xi jiem jorqod u jqum ġo fih. It-tfal ta' Salvu, li kienu sebgħa, wkoll kienu jieħdu sehem billi jilbsu bħal tal-missjoni. Minbarra l-għarix, kienu jintramaw affarijiet oħra konnessi mal-istess attività, fosthom totem, li jikkonsisti f'arblu jew lasta ħoxna minquxa skont it-twemmin Indjan-Amerikan. Skont Carmen ukoll, mhux l-ewwel darba li ġieli kienu jiġu xi nies fuq missierha Luċjan għax jaħsbuh missjunarju ta' vera. Fl-isfond jidhru wkoll xi kurżitarji li waqfu jaraw x'qed jiġri.

[16] Qabel, dil-wirja missjunarja kien jagħmilha n-Naxxar. (*Id-Djarju tan-Naxxar*, Diċembru 1951, is-VI Sena , Għadd 23, p. 154).

[17] L-għarix tal-missjoni ġieli kien jintrama wkoll taħt is-siġar, il-Balluta.

[18] *Xaqq Dawl* ta' Diċembru 1954, is-VI Sena, Għadd 4. Dakinhar kienu saru żewġ għarajjex tal-missjunarji oħra, wieħed il-Balluta mill-Ġuvintur tal-A.K., u l-ieħor ħdejn il-Knisja mill-Irġiel tal-istess Għaqda. Kienu saru wkoll xi funzjonijiet u ġbir fil-knisja, filwaqt li s-Sur J.M. Demanuele kien ħadem fil-Lyceum tal-Ħamrun. Wirjiet simili kienu saru fis-snin preċedenti, fosthom dik reġistrata f'*Xaqq Dawl* ta' Novembru 1952, il-V Sena, Għadd 1, p. 4. Fil-ġurnata missjunarja ta' dik is-sena kienet saret wirja u żewġ għarajjex missjunarji mill-Fergħa tal-irġiel, f'Misraħ Spinola u f'Tas-Sliema.

Kif rajna wkoll fl-artiklu tas-sena l-oħra, l-irġiel tal-A.K. San Ġiljan kienu jirreċtaw f'radjodrammi fuq ir-*Rediffusion* fil-programm *Is-Siegħa Tal-Morda*, fejn uħud mir-*radio-plays* kienu jkunu fuq il-missjoni, fosthom *Ittama F'Alla*, kitba ta' Dun Anton Xiberras.[19] Infatti, das-saċerdot kien ir-rappreżentant tal-missjoni għal San Ġiljan, u kien jaħdem fl-Uffiċċju Missjunarju, il-Belt. Mhux ta' b'xejn għalhekk li, il-Ġurnata Missjunarja kienet attività wisq għal qalbu. L-għaxqa tiegħu kienet li jiġbor flus biżżejjed ħalli jibgħathom fl-Indja bl-għan li jgħin liż-żgħażagħ t'hemmhekk biex huma wkoll jilħqu saċerdoti. Il-qassis-poeta Naxxari kien iwassal il-messaġġ tiegħu dwar ħidmet il-Knisja fl-għalqa kbira tal-missjoni anki permezz t'artikli fis-sensiela 'Il-Ħsieb Tax-Xahar' li kien jikteb fil-bullettin parrokkjali, *Il-Mixja tal-Komunità ta' San Ġiljan Lejn il-Verità*, speċjalment jekk din tinzerta l-ħarġa tax-xahar t'Ottubru.[20]

***Aktar tagħrif dwar il-Kumpanija Bonitas***: Dwar dil-kumpanija drammija ta' Dun Karm Calleja rnexxieli nikseb xi tagħrif addizzjonali – grazzi għall-artiklu li kien deher f'wieħed mill-programmi tal-festa ta' San Ġiljan[21] – li xtaqt ngħaddih lill-qarrejja tal-Annwal. Fl-artiklu tiegħi tas-sena l-oħra kont għedt li dil-kumpanija tal-Ġuvintur tal-A.K. kienet ippreżentat id-dramm, *Il-Merkant ta' Venezja*, ta' William Shakespeare fil-*Melita Open Air Theatre*, maqlub għall-Malti u addattat minn Dun Karm. U l-istess kien għamel bid-dramm traġiku *Ġulju Ċesri*. Fost id-drammi reliġjużi tiegħu mbagħad, insibu wieħed fuq San Ġiljan; dramm ieħor tip ta' teatru Griek; dramm tal-Passjoni, kif ukoll reċti b'att wieħed ta' sitt parabboli tal-Vanġelu. L-istess kumpanija teatrali ġieli ħadmet ukoll: *Peppinu Fil-Karnival*; *Sant' Azellina*; *Żewġ Ħotbin*; *Scrooge* u *Mananni Ġibli T-Tapp*. Minbarra dawn, dil-kumpanija kienet taħdem ukoll pantomimi[22] u varjetà ta' *songs*[23] Ingliżi u Taljani, u ċajt qosra, mill-Kor San Ġiljan f'diversi swali tat-teatru u ċinema imferrxin f'Malta.

---

[19] Xogħlijiet oħra mill-istess awtur b'tema missjunarja jinkludu "Il-Wieħed U Ħamsin", l-ewwel rumanz missjunarju bil-Malti; "Ħolma Vera", buzzett missjunarju fi tliet dehriet għall-festa tas-Santa Infanzja (Ġabra Tas-Santa Infanzja – 1, 1954); "Rebħa Kbira Ħafna" u "Għajnejn Miftuħa", żewġ buzzetti f'att uniku l-wieħed, b'suġġett serju u fi stil mexxej, b'tal-ewwel miktub għall-Ġurnata Missjunarja, u tal-aħħar għaż-żmien il-Milied. (Ġabra tas-Santa Infanzja - 2, 1954). (N.B. L-Għaqda tat-Tfal għall-Missjoni [jew Opra tas-Santa Infanzja] hi waħda mill-erba' Opri Missjunarji Pontifiċji. Dil-Għaqda twaqqfet mill-Isqof Franċiż, Charles Forbin Janson, fl-1842 bl-għan li tgħin lit-tfal tal-artijiet tal-missjoni f'dawk li huma skejjel u orfanatrofji.)

[20] Fost dawn l-artikli nsibu: *20 t'Ottubru: Jum il-Missjoni* (1991); *Ġiljaniżi u Missjoni* (1996); *Il-Missjoni: Flus u Ħajja* (1998); u *Mal-Missjoni Ifftaħ Idejk ... u Qalbek!* (1999).

[21] Banda Spinola San Ġiljan A.D. 1987 – Programm tal-festa 2003: *Ħamsin Sena ta' Ħidma Saċerdotali (1953-2003)*, awtur anonimu, p. 31.

[22] Reċta bil-kant u ċ-ċajt li ssir għal żmien il-Milied. (Mario Serracino-Inglott: Dizzjunarju Malti, Merlin Library, 2000).

[23] 'Il-mużika tal-kanzunetti kienet tkun meħuda minn xi operetta Taljana jew Ingliża, drabi titkanta bl-ilsien oriġinali, inkella maqluba għall-Malti; oħrajn kienu kanzunetti popolari ta' dak iż-żmien, u hawn ukoll stajt tkantahom bil-lingwa oriġinali inkella bil-Malti' (Josephine Mahoney: O Żmien Ħelu, p. 88 (KKM 2012).